32006R0216

9.2.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA L 38/15

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 216/2006

## tat-8 ta’ Frar 2006

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2184/97 li jikkonċerna l-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[1], u b’mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Il-klassifikazzjoni ta’ sistema tal-vidjokonferenzi tikkonsisti f’diversi komponenti, inklużi żewġ disketts tal-istallazzjoni fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2184/94 tat-3 ta’ Novembru 1997 li jikkonċerna l-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda[2]wasslet biex is-sistema tal-vidjokonferenzi tkun ikklassifikata taħt il-Kodiċi tan-NM 85175090 u ż-żewġ disketts tal-istallazzjoni taħt il-Kodiċi tan-NM 85249110. Billi n-Nota 6 għall-Kapitolu 85 tan-Nomenklatura Magħquda ġiet emendata b'effett mill-1 ta' Jannar 2002, u minħabba l-fatt li l-Kumitat HS f'Ottubru 2004 qabel dwar l-interpretazzjoni ta' din in-Nota, ir-Regolament (KE) Nru 2184/97 jeħtieġ li jitqies bħala inkorrett.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2184/97 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

---

1 ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2175/2005 (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 9).

2 ĠU L 299, 4.11.1997, p. 6.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Punt 4 tat-tabella stipulata fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2184/97 għandu jinbidel bit-test kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum ta’ wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta’ Frar 2006.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

| Id-deskrizzjoni tal-oġġetti | Il-klassifikazzjoni (Il-kodiċi tan-NM) | Ir-raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Sett imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut li jikkonsisti fi:<br>– “audio unit”, b’handset tat-telefon,<br>– kard tat-telekomunikazzjoni<br>– kamera tal-vidjo li tista' taqbad ma’ magna għall-ipproċessar awtomatiku tad-dejta,<br>– "unit" ta’ konnessjoni man-netwerk, u<br>– żewġ disketts bis-softwer tal-applikazzjoni tat-telefonija bil-vidjo.<br>Is-sett jippermetti li magna għall-ipproċessar awtomatiku tad-dejta taqdi funzjoni addizzjonali (it-telefonija bil-vidjo). | 85175090 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bl-għażla tal-kliem użat fil-kodiċijiet tan-NM 8517, 851750 u 85175090.<br>Il-katrattru essenzjali tas-sett jingħata mill-apparat tat-telekomunikazzjoni (“audio unit” u l-kard tat-telekomunikazzjoni). |